MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 985/2012

Banif Bank (Malta) plc
C 41030
vs
Roderick u Natasha Falzon

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef il-flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpannija attrici;

3. Illi l-konvenuti avvicinaw lill-kumpannija attrici biex jisselfu flus minghandha halli jkunu f'pozizzjoni jhallsu dejn li huma ghandhom ma' terzi;

4. Illi permezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Ruben Debono datat 5 ta’ Mejju 2010 (ara Dok. ‘A’), il-kumpannija attrici kkoncediet self lill-konvenuti taht il-forma ta’ *Equity Release Loan* fl-ammont t’erbgha u ghoxrin elf Euro (€24,000). Kif jinghad fl-istess kuntratt, dan is-self hu suggett ghad-dispozizzjonijiet tal-*Credit Agreement* li sar bejn il-partijiet u li jgib id-data tad-29 ta’ Marzu 2010 (ara Dok. ‘B’);

5. Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu lura l-ammont misluf mill-kumpannija attrici skond kif miftiehem fil-kuntratt u l-*Credit Agreement* fuq imsemmija;

6. Illi ghalhekk sehhew wahda jew aktar mill-*events of default* imsemmija fl-iskeda annessa mal-*Credit Agreement* fuq citat, partikolarment, izda mhux esklussivament:

a. “*Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulaetd in the agreement regulating the Facility,*

b. *The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

k. *In the opinion of the bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,*

n. *Any other event which in the Bank’s reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or othewise comply with the terms of the agreement regulating the Facility;*”

7. Illi allura *ai termini* ta’ l-imsemmi *Credit Agreement*, senjatament Artikolu 13(o), id-dejn tal-konvenuti mal-kumpannija attrici sar pagabli lura b’mod immedjat;

8. Illi skond kif jidher fl-*istatment* tal-bank (ara Dok. 'C'), l-ammont komplessiv dovut, mill-konvenuti hu ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tletin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€22,330.73) liem'ammont jikkoncerna l-*Account* Nru. 97713.71.001 u jinkludi mghaxijiet ta' sebghin Euro u tmienja u disghin dentezmu (€70.98) kalkolati sas-27 ta' Settembru 2012;

9. Illi ghal diversi drabi, l-kumpannija attrici interpellat lill-konvenuti biex ihallsuha l-ammont dovut u msemmi aktar 'l fuq, fosthom permezz t'ittra ufficcjali (ara Dok. 'D') mahruga *ai termini* ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u datata l-31 ta' Lulju 2012 (din l-ittra baqghet mhix notifikata minkejja tentattivi diversi), izda dawn baqghu inadempjenti;

10. Illi l-imsemmi kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;

11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-bank rikorrent lill-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, *ai termini* ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpannija attrici fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tletin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€22,330.73);

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tletin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€22,330.73);

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali mahruga *ai termini* ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata l-31 ta' Lulju 2012, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment maghha u kwalsiasi *bank charges* u *fees* li minhabba d-dejn saru jew ghad isiru dovuti lill-kumpannija attrici *ai termini* tat-*Tariff of Charges* relattiva ghal l-*Account* Nru. 97713.71.001 (ara Dok. 'E') u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, fuq l-ghola rata permessa mil-Ligi, mis-27 ta' Settembru 2012 sad-data tal-hlas effettiv. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront ta' l-istess konvenuti.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum l-intimati Roderick Falzon u Natasha Falzon ipprezentaw nota:

"Illi permezz taghha jammettu t-talbiet attrici u l-konvenut Roderick Falzon jiddikjara li huwa jixtieq li l-ammonti jithallsu mill-kont bankarju illi huwa ghandu ma' HSBC Bank Malta plc bin-numru 027028505102."

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, t-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti waqt li qed tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, *ai termini* ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €22,330.73.

Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-kumpannija rikorrenti l-ammont komplessiv ta' €22,330.73.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali mahruga *ai termini* ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 31 ta’ Lulju 2012, il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment maghha u kwalsiasi *bank charges* u *fees* li minhabba d-dejn saru jew ghad isiru dovuti lill-kumpannija attrici *ai termini* tat-*Tariff of Charges* relattiva ghal l-*Account* Nru. 97713.71.001 u bl-imghaxijiet kontra l-intimati, fuq l-ghola rata permessa mil-Ligi, mis-27 ta’ Settembru 2012 sad-data tal-hlas effettiv, u dan b’rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija rikorrenti fil-konfront ta’ l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------